MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2009

Talba Numru. 260/2008

**Caroline Grace Leonard**
**(KI-264672-M)**

**Vs**

**Emmanuel Buttigieg**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-2 ta` April, 2008, fejn intalab sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attrici s-somma ta' Euro745.33c rapprezentanti nofs l-ispejjez medici u edukattivi skond prospett anness u mmarkat Dok CL1 bl-ircevuti relattivi annessi u liema spejjez huma dovuta mill-konvenut ai termini ta` l-klawsola numru 2 (iii) tal-kuntratt ta` separazzjoni bejn il-kontendenti ippubblikat nhar it-8 ta` Marzu, 2005 fl-atti tan-Nutar Gertrude Farrugia Wismayer.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet sad-data ta` l-effettiv pagament.

Ra r-risposta tal-konvenut datata 14 ta` Mejju, 2008 fejn ikkontesta t-talba attrici fis-sens illi l-ammont mitlub kien ezagerat peress li ghandhom jitnaqqsu Euro233 li huwa kien gia` hallas bil-quddiem u kif ukoll l-ispejjez konnessi ma` l-izfin u l-iscouts.

Bl-ispejjez kontra l-attrici.

Sema` l-provi migjuba mill-partijiet u ezamina d-dokumenti ezebiti.

Ikkunsidra.

Illi l-attrici qieghdha tibbaza t-talba taghha fuq il-klawsola numru 2 (iii) tal-precitat kuntratt ta` separazzjoni li tghid *ad verbatim "L-ispejjez konnessi mas-sahha u l-edukazzjoni tal-minorenni Pamela, Dylan u Kyle huma a karigu tal-mara u tar-ragel f'ishma ugwali"* u ghalhekk il-mara bl-odjerna kawza qieghdha tfittex ghal nofs l-imsemmija spejjez gia` nkorsi minnha kif jirrizulta mill-ircevuti li hija pprezentat u dana peress illi zewgha baqa` ma hallashomx nonostante li ntbaghatulu l-imsemmija dokumenti. B'riferenza ghas-somma ta` Euro233 li ssemmiet fir-risposta tal-konvenut, l-attrici tispjega li dawn kienet ircevithom ghal perjodu antecedenti ghal dak odjern.

Fl-affidavit tieghu, il-konvenut jammetti li ghandu l-obbligu li jhallas nofs l-ispejjes edukattivi u dawk konnessi ma` sahha pero` jispjega li huwa naqas milli jaghmel dan billi ma giex ipprezentat certu ricevuti u difatti jaghmel elenku ta` dawn. Aktar tard jilmenta mill-fatt li l-ircevuti relattivi ma kienux fiskali u kwindi mill-ammont kellu jinqata` nofs is-somma ta` Euro690. Jispjega wkoll li l-mara naqset li tirriduci s-somma ta` Euro233 li huwa kien hallas akkont fis-17 ta` Mejju, 2007 skond ma` kif jirrizulta mill-ircevuta a fol. 104 tal-process. B'hekk skond il-konvenut huwa fadallu jhallas biss is-somma ta` Euro 167. In kontro-ezami huwa jkompli jsostni li l-ilment tieghu huwa bbazat fuq il-fatt li jesigi ircevuti fiskali u ircevuti ohra mhux ta` din ix-xorta ma humiex accettabbli ghalih.

Meta wiehed iqabbel din l-ircevuta a fol. 104 tal-process mal-prospett prezentat mill-attrici a fol. 10 tal-process, jinnota li l-mara tassew ma kienitx naqset l-ammont imhallas akkont fis-somma ta` Lm100 (Euro 233) u ghalkemm il-mara tallega li dan il-pagament kien intiz biex ikopri spejjez ta` perjodu antecedenti, hija naqset li tissostanzja tali allegazzjoni b'xi prova konkreta.

Illi dwar il-kwistjoni ta` ricevuti fiskali jinghad li ghalkemm huwa desiderabbli li dawn ikunu ta` natura fiskali peress illi wara kollox hekk jehtieg legalment, it-Tribunal jasal biex japprezza l-fatt li l-mara f'certu cirkostanzi ma tkunx ottjeniet certu ircevuti ta` natura fiskali pero` b'daqshekk ma jfissirx li hija ma tkunx nefqet dawk l-ammonti ghal beneficcju ta` l-ulied minuri.

It-Tribunal ghalhekk qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa` l-ewwel parti tar-risposta mressqa mill-konvenut fis-sens li mill-ammont mitlub ghandha titnaqqas is-somma akkont fl-ammont ta` Euro233 u tichad il-kumplament tal-kontestazzjoni sollevata mill-istess konvenut u kwindi jilqa` t-talba attrici fis-sens fuq spjegat u cioe` li jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma kif hawn likwidata fl-ammont ta` Euro512.33, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta` din is-sentenza u bl-ispejjez ta` din l-istanza ghandhom jinqasmu kwantu ghal tliet kwarti a karigu tal-konvenut u kwart sopportati mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------